

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tad-29 ta' April 2015****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2013**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2013,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0110/2015),
- A. billi l-Impriża Konġunta SESAR ("l-Impriża Konġunta") twaqqfet fi Frar 2007 biex tmexxi l-programm ta' Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (Single European Sky Air Traffic Management Research — SESAR) li hu intenzjonat biex jimmodernizza l-ġestjoni tat-traffiku bl-ajru fl-Ewropa;
- B. billi l-proġett SESAR hu maqsum f"fażi ta' definizzjoni" (2004-2007) immexxija minn Eurocontrol, "fażi ta' żvilupp" inizjali (2008-2016), iffinanzjata mill-perjodu ta' programmazzjoni u ġestita mill-Impriża Konġunta u "fażi ta' twaqqif" (2014-2020) li tkun attiva b'mod parallel mal-"fażi ta' żvilupp"; billi hu mistenni li l-"fażi ta' twaqqif" titmexxa mill-industrija u mill-partijiet interessati għall-produzzjoni u l-implimentazzjoni fuq skala kbira tal-infras-truttura l-ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku bl-ajru;
- C. billi l-Impriża Konġunta bdiet taħdem b'mod awtonomu fl-2007;
- D. billi l-Impriża Konġunta ġiet iddisinjata bħala sħubija bejn is-settur pubbliku u dak privat bl-Unjoni u Eurocontrol bħala membri fundaturi;
- E. billi l-baġit għall-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR fil-perjodu 2008-2016 huwa ta' EUR 2 100 000 000 u għandu jiġi pprovdut f'partijiet ugwali mill-Unjoni, minn Eurocontrol u mis-sħab parteċipanti mis-settur pubbliku u dak privat;
1. Jenfasizza r-rwol essenzjali tal-Impriża Konġunta fil-koordinament u l-implimentazzjoni tar-riċerka mwettqa mill-proġett SESAR, li huwa proġett pilastru tal-Ajru Uniku Ewropew; jikkonstata wkoll li s-sena 2014 irrappreżentat il-bidu tal-fażi ta' twaqqif tal-proġett SESAR;

**Ġestjoni baġitarja u finanzjarja**

2. Jikkonstata li l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") iddikjarat li l-kontijiet annwali tal-2013 tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2013 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi ta' flus għas-sena li kienet għadha kif intemmet, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Finanzjarji tagħha;
3. Jikkonstata li l-baġit finali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2013 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn li jammontaw għal EUR 64 300 000 u approprjazzjonijiet ta' pagament li jammontaw għal EUR 105 400 000; jikkonstata, barra minn hekk, li r-rati ta' użu għall-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kienu ta' 99,6 % u ta' 94,7 % rispettivament;
4. Jieħu nota tal-fatt li, sal-31 ta' Diċembru 2013, il-fażi ta' żvilupp tal-Impriża Konġunta kienet tikkonsisti minn ħidma fuq proġetti minn 16-il membru, inkluż Eurocontrol, fir-rigward ta' attivitajiet fil-programm li kienu jinvolvu lil aktar minn 100 entità jew subkuntrattur mis-settur privat u dak pubbliku u li rriżultaw biex ġew implimentati jew tlestew 333 mit-358 proġett fil-programm taħt it-tielet Ftehim Qafas Multilaterali (FQM);
5. Jindika li ġie impenjat il-100 % tal-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni u Eurocontrol pagabbli lill-15-il membru l-ieħor taħt it-tielet FQM ta' EUR 595 000 000; jikkonstata barra minn hekk li 55 % ta' dak l-ammont, ekwivalenti għal EUR 316 000 000, tħallas sal-31 ta' Diċembru 2013 waqt li hu mistenni li l-45 % li jifdal (EUR 279 000 000) se jitħallas sal-31 ta' Diċembru 2016;

6. Jirrikonoxxi l-fatt li, fl-2013, l-Impriża Konġunta kkonkludiet ir-raba' FQM tagħha, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014 u li hu mistenni li jibqa' fis-seħħ għat-tliet snin li jifdal mill-ħajja operattiva tal-Impriża Konġunta; jikkonstata li r-raba' FQM jiddisponi biex in-numru ta' proġetti jitnaqqas għal 250 billi proġetti attwali jiġu magħquda flimkien, u biex jiġu allokatu EUR 38 000 000 għall-finanzjament ta' attivitajiet operattivi ġodda; jirrikonoxxi li din l-allokazzjoni se tiġi pprovduta mill-Impriża Konġunta u se tirriżulta mis-sinerġiji meta l-proġetti msemmija jiġu magħquda flimkien;
7. Jappella lill-Impriża Konġunta biex tippreżenta rapport lill-awtorità ta' kwittanza rigward il-kontribuzzjonijiet tal-membri kollha apparti l-Kummissjoni, inkluża l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-evalwazzjoni għall-kontribuzzjonijiet *in natura*, flimkien ma' valutazzjoni mill-Kummissjoni;

### Qafas ġuridiku

8. Jieħu nota tal-fatt li, nhar it-13 ta' Diċembru 2013, il-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta, bi qbil mal-Kummissjoni, adotta r-Regolamenti Finanzjarji tiegħu għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 fuq bażi provviżorja; ifakkar li r-Regolamenti Finanzjarji ġew adottati skont ir-regolament finanzjarju ta' qafas tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup> b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014;
9. Jikkonstata li r-Regolamenti Finanzjarji tal-Impriża Konġunta huma soġġetti għall-opinjoni u d-deċiżjonijiet li daqt toħroġ il-Kummissjoni, b'attenzjoni partikolari għall-kontinwazzjoni tad-derogi ta' finanzjament li kienu fis-seħħ fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti;
10. Jikkonstata d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni <sup>(2)</sup> u l-qbil politiku sussegwenti li ntlaħaq dwar kwittanza separata għall-Impriża Konġunta;

### Sistemi ta' kontroll intern

11. Jikkonstata li, bi qbil mal-pjan ta' awditjar strateġiku kkoordinat għall-Impriża Konġunta għall-perjodu 2012-2014, twettqu rieżami limitat tal-proċedura ta' għeluq applikabbli għall-proġetti ta' ġestjoni tal-għotjiet, kif ukoll valutazzjoni tar-riskji tat-teknoloġija informatika mis-Servizz ta' Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni; jikkonstata barra minn hekk li twettqu awditjar tal-konformità tal-ġestjoni tal-akkwisti u l-kuntratti, kif ukoll rieżami tal-awtorizzazzjonijiet għall-proċeduri tax-xogħol fis-sistema ABAC mill-Kapaċità ta' Awditjar Intern (IAC) fl-2013;
12. Jindika li l-Impriża Konġunta implimentat miżuri speċifiċi għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess fir-rigward tat-tliet partijiet interessati ewlenin tagħha: il-membri tal-Bord Amministrattiv, l-impjegati u l-esperti;
13. Jieħu nota tal-fatt li bejn Ottubru 2012 u Marzu 2014, twettqet it-Tieni Evalwazzjoni Interim tal-Kummissjoni sabiex l-Impriża Konġunta tiġi vvalutata fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regolament fundatur tagħha, il-metodi ta' ħidma tagħha, ir-riżultati li kisbet u l-qagħda finanzjarja ġenerali tagħha; jenfasizza l-fatt li r-rapport ipproduċa żewġ rakkomandazzjonijiet ewlenin, waħda li tindirizza l-ħtieġa li jittejjeb l-approċċ rigward il-ħtiġijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni speċifiċi tal-Istati Membri u l-oħra li tindirizza l-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi biex tittejjeb ir-rata ta' tlestija tal-għanijiet annwali min-naħa tal-Impriża Konġunta; jinsab imħasseb dwar il-fatt li r-rata ta' tlestija tal-għanijiet annwali kienet ta' 82 % sal-aħħar tal-2012 (60 % fl-2010) u jemmen li l-prestazzjoni trid tittejjeb;
14. Jikkonstata mir-rapport tal-Qorti li ġie implimentat it-titjib fil-qasam tal-kontrolli *ex ante*;

### Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati tar-riċerka

15. Jieħu nota tal-fatt li, nhar il-31 ta' Mejju 2013, l-Impriża Konġunta ppubblikat ir-Rapport Annwali tagħha dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-Proprietà Intelletwali f'kull sena finanzjarja qabel l-2013; jikkonstata barra minn hekk li, nhar it-30 ta' Ottubru 2013, il-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta adotta l-lista kkompilata bil-valutazzjoni tas-sjieda tar-riżultati miksuba mir-riċerka u tal-istatus tas-sjieda relatata għal kull sena finanzjarja qabel l-2013;

<sup>(1)</sup> Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

<sup>(2)</sup> ĠUL 163, 29.5.2014, p. 21.

16. Jemmen li, fejn ikun xieraq, ir-rabtiet bejn l-Impriża Konġunta u l-Impriża Konġunta “Clean Sky” għandhom jissaħħu; jistieden lill-Kummissjoni taħdem maż-żewġ impriżi konġunti sabiex itejbu l-komunikazzjoni u jsaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet, waqt li jiżguraw fl-istess ħin li ma jkun hemm l-ebda riskju ta’ elementi dduplikati bejn l-attivitajiet taż-żewġ impriżi konġunti kkonċernati;
  17. Jirrikonoxxi mir-rapport tal-Qorti li l-Impriża Konġunta kompliet bid-disseminazzjoni tar-riżultati miksuba mir-riċerka billi qiegħdet għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati rilevanti informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati taṅgibbli mistennija u l-proċessi tagħhom fuq l-extranet tagħha, kif ukoll billi ppubblikat id-dettalji ġenerali tar-riżultati taṅgibbli mistennija fl-2013 fir-rapport annwali tal-attività 2013 tagħha.
  18. Jappella lill-Impriża Konġunta biex tippreżenta rapport lill-awtorità ta’ kwittanza dwar il-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-proġetti li diġà tlestew; jappella biex dak ir-rapport jiġi ppreżentat lill-awtorità ta’ kwittanza flimkien ma’ valutazzjoni mill-Kummissjoni;
  19. Ifakkar li l-Parlament ġa talab lill-Qorti tal-Awdituri tfassal rapport speċjali dwar il-kapaċità tal-impriżi konġunti, flimkien mas-sħab privati tagħhom, biex jiġu żgurati valur miżjud u eżekuzzjoni effiċjenti tal-programmi tal-Unjoni għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni.
-